

Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Sistemi legali - tal-UE u nazzjonali>**Sistemi ġudizzjarji nazzjonali**  
**Sistemi ġudizzjarji nazzjonali**

Ċipru

**Organizzazzjoni tal-ġustizzja – Sistemi ġudizzjarji**

**Amministrazzjoni tal-qrati**

Sal-1960 Ċipru kienet kolonja Brittanika u s-sistemi legali stabbiliti huma bbażati kważi għalkollox fuq is-sistema legali Ingliża u l-leġiżlazzjoni tgħaddi fuq il-bażi tal-prinċipji tal-*common law* u tal-*ekwità*.

Fis-sistema legali, li ilha fis-seħħ sa minn meta kienet stabbilita r-Repubblika ta' Ċipru, għadha tinħass l-influwenza tas-sistema legali Ingliża. Il-qrati tar-Repubblika ta' Ċipru japplikaw il-*liġijiet* li ġejjin:

Il-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Ċipru (Σύνταγμα της Κυπριακής Δημοκρατίας)

Il-*liġijiet* li nżammew fuq il-bażi tal-Artikolu 188 tal-Kostituzzjoni

Il-prinċipji tal-*common law* u tal-*ekwità*

Il-*liġijiet* li tgħaddi l-Kamra tar-Rappreżentanti (Βουλή των Αντιπροσώπων).

Wara l-adeżjoni tar-Repubblika ta' Ċipru mal-Unjoni Ewropea fl-2004, il-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Ċipru kienet emendata biex b'hekk il-*liġi* tal-Unjoni Ewropea għandha s-supremazija.

**Tipi ta' qrati – deskrizzjoni fil-qosor**

F'Ċipru hemm qrati ta' żewġ istanzi: il-Qorti Suprema (Ανώτατο Δικαστήριο) (it-tieni istanza) u d-diversi qrati tal-ewwel istanza elenkati hawn taft:

IL-QORTI SUPREMA (ΑΝΩΤΑΤΟ ΔΙΚΑΣΤΗΡΙΟ)

QRATI DISTRETTWALI (ΕΠΑΡΧΙΑΚΑ ΔΙΚΑΣΤΗΡΙΑ)

QRATI TAL-ASSIŻI (ΚΑΚΟΥΡΓΙΟΔΙΚΕΙΑ)

QRATI TAL-FAMILJA (ΟΙΚΟΓΕΝΕΙΑΚΑ ΔΙΚΑΣΤΗΡΙΑ)

TRIBUNAL TAL-KONTROLL TAL-KERA (ΔΙΚΑΣΤΗΡΙΑ ΕΛΕΓΧΟΥ ΕΝΟΙΚΙΑΣΕΩΝ)

TRIBUNAL TAT-TILWIM INDUSTRIJALI (ΔΙΚΑΣΤΗΡΙΑ ΕΡΓΑΤΙΚΩΝ ΔΙΑΦΟΡΩΝ)

QORTI MILITARI (ΣΤΡΑΤΙΩΤΙΚΟ ΔΙΚΑΣΤΗΡΙΟ)

**Bażijiet tad-dejta legali**

Għad m'hemm l-ebda bażi tad-dejta legali uffidjali. Hemm għadd ta' bażijiet tad-dejta legali privati, b'uħud minnhom jipprovdu servizzi lill-abbonati u oħrajn jipprovdu aċċess mingħajr ħlas.

Dawn jinkludu informazzjoni dwar sentenzi tal-qrati u leġiżlazzjoni primarja.

**Links relatati**

**Qorti Suprema ta' Ċipru** (Ανώτατο Δικαστήριο Κύπρου)

L-aħħar aġġornament: 02/07/2020

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.